# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**41.** **12 ta' GUNJU 1909.** **L-EUUEL SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa u jiena nŭieġbu. In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll. Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn iħallsu, barra minn dan, il posta ucoll, Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min isieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc. ecc.**


# Il Għacs f'Malta

beda jinħass seŭŭa, u cull fejn timxi ma tarax ħlief nies kiegħda, ħlief nies jitolbu. Hemm bżonn għalhecc li ŭieħed jara x'jagħmel, m'il actar fis li jista, kabel ma il poplu baxx idur għal difrejh u jcollna xi ħafna għaŭġ icreħ f'il pajjis.

Hemm bżonn li il Cunsilieri jħabblu ftit rashom b'dina il biċċa u jaraŭ chif jiftiehmu ma'l Gvern biex itaffi il ġuħ li beda jinħass minn ħafna nies. Hi ħaġa sabiħa li ŭieħed ifittex biex jirranġa il Costituzzjoni, li ŭieħed ixammar biex jidħol f'il Cunsill Esecuttiv, li ŭieħed iħambak biex isiru l-economiji f'il flus ta'l poplu; iżda x'jisŭa billi lil cadavru ta' sultan mejjet tlibbsu il curuna u itieħ f'idejh ix-xettru? irrid ingħid x'jisŭa billi lil poplu jicsbulu xi drittijiet meta jcun jocrob bl-ugiegħ ta' żakk ta'l ġuħ? L-eŭŭel ingħid jien ŭieħed jaħseb għal l-ichel u imbagħad għa's-setgħa u l-unuri. L-eŭŭel ŭieħed ifittex li jgib il kuddiem il kliegħ ta'l flus f'il pajjis u meta cullħadd icun trejjak imbagħad icun il ŭakt biex ŭieħed iħabbel rasu b'il Costituzzjoni, b'il-lingŭa. bl'antichità u x'naf jien. L-eŭŭel is-sħieħ u imbagħad il bkija.

Mela hemm bżonn li il Cunsilieri jifmuha darba għal dejjem li jecc iridu tas-seŭ il gid ta'l poplu hemm bżonn li jħabblu ftit rashom f'il Cunsill biex jaraŭ chif jistgħu jfehmu u igegħlu lil Gvern itaffi ftit il kgħad li haŭn jaħchem bi ħruxjia cbira u m'hux jokogħdu jaħlu iż-żmien, bħal ma jagħmlu spiss, fuk ħŭejjeġ, li għalchemm sbiħ u tajbin, iżda li il poplu jgħaddi minngħajrhom bla dannu cbir.

Hemm bżonn ucoll li l-economija jfmuha ftit xort'oħra m'hux billi jfittxu li jżidu is-salarju lil xi Cap ta' Dipartiment minn erba mija għal ħames mitt lira f'is-sena iżda li jniżżlu is-salarji ta'l oħrajn minn ħames mija għal erba mija. Haŭn Malta meta ŭieħed icollu lira salarju cull jum jista jgħix biha ta' l-acbar baxa u ma nistax nlfhem għala xi Capijiet ta' Dipartimenti huma imħallsin actar m'il Magistrati li huma nies ta'l professjoni, micrijin il ġurnata collha chemm hi tŭila u li jridu jistudjaŭ ħafna u jerfgħu responsabiltà cbira fuk spallejhom biex jaktgħu il caŭsi, xi dakkiet imfixcla ħafna, li jcollhom. Iżda is-Sur Cicc u Sħabu cull tant it-tiġŭis ta'l flus ta'l Caxxa jifmuh travers. Chemm haŭn nies ta'l professjoni li ma jakilgħux lira cull jum u jżommu tajjeb il familji tagħhom u jrabbu l-uliedhom seŭŭa; għala il cuccanja għandha tcun mela dejjem fuk flus il poplu u imbagħad ŭara li jerdgħulu demmu b'it-taxxi ħadd, tista tgħid, ma jbaxxi ftit għajnejh lejh ħalli jara ftit il bżonnijiet tiegħu?

Mela il Cunsilieri hemm bżonn li ma jħabblux tant rashom chif kiegħdin jagħmlu b'd'is-saħna collha biex jidħlu fl-Esecuttiv, u kabel ma jaħsbu f'rashom jaraŭ chif jerfgħu ftit il pajjis m'il għacs li jinsab fih. Meta il poplu jcun xebgħan ħalli imbagħad jixxala cullħadd. Hemm bżonn li jaraŭ chif jagħmlu u jħambku ftit aħjar biex m'hux jogħleŭ is-salarji ta' xi impjegati iżda jonksu għaliex m'hux seŭŭa li f'Malta għandu jcun haŭn min jiecol minn fuk spallejn il poplu id-dundjani u il poplu l-ankas ma jicseb sold għal l-inċova li jrid jitrejjak biha.

Il Cusilieri chitbu lil Ministru tmien xhur ilu u reġgħu chitbulu da'l ġranet biex iseŭŭi il Costituzzjoni u biex jidhol xi ħadd minnhom fl-Esecuttiv; iżda għeduli chemm il darba chitbu biex jaraŭ chif jagħmlu biex ikanklu xi xogħol f'Malta ħalli jittaffa ftit il ġuħ li haŭn u li kiegħed jaħchem bi ħruxija cbira fuk ħafna familji? Jiena ma niftacar li għamluh katt.

jincoraġġixxu gazzetta li ma għandħa l-ebda scop ieħor ħlief li tgħallem u tiddefendi il poplu. Fejn imbagħad ma hemmx cinematografu l-imsieħbin jistgħu jgħidulna għal liema belt iridu il biljetti.

★

Il *"Malta Herald"* għamel proposta sabiħa ħafna u ta' min jilkagħha b'il ferħa; igifieri li il flus collha li jintefku f'il festi għa'x-xgħil, giocudifochi, armar, baned u x'naf jien jinġabru biex jitkassmu lil ħafna fkar li haŭn kiegħdin ibatu il ġuħ.

J'Alla jsir hecc.

# AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Il Figaro** ħabbar illi il miljunarju american Pierpont Morgan ħallas seba mitt elf franc ta' opra ta'l imsemmi aŭtur Charles Dickens u li chienet ħarget fi ħmistax il copja biss!

**Il Czar ta'r-Russia** sejjer jagħmel vjaġġ biex jiltaka l-eŭŭel ma'l Imperatur ta'l Germanja, imbagħad ma'l President Falliers f'Cherbourg u ŭara jmur maŭra sa'l Inghilterra biex jiltaka ma's-Sultan Edŭardu ta'l Inghilterra. Ġa ħabbartilcom li ŭara għandu jigi jdur daŭra f'il Mediterran u li actarx jigi jżur Malta ucoll.

**F'ir-Russja** ma riedux ineħħu il pena ta'l meŭt. Fl-1907 għallku 1339 u fl-1908 neħħeŭ 1825 oħra. It-terrosisti katlu fl-1907 ma't-3000 ruħ u 1620 fl-1908.

**Id-Duca u id-Duchissa ta' Connaught** ŭaslu l-Inghilterra ŭara li żaru Gibiltà, Spanja u Parigi.

**Il General Barron** li chien haŭn Malta laħak Gvernatur ta't-Tasmanja f'loc Sir Gerald Strickland li laħak Gvernatur ta'l Western Australia u li da'l ġranet ŭasal f'il capitali ta' hemm, Perth, fejn gie milkugħ b'ferħ cbir.

**L-Aŭstralja** offriet Dreadnought lil l-Inghilterra bħalha rigal.

**Il Canada** sejra tonfok ħames miljuni sterlini biex tagħmel flotta.

**Il Contissa Linda Bonmartini** li snin ilu chienet katlet ma' ħuha Murri lil żeŭgħa giet maħfura ŭara li għamlet ħames snin ħabs biss minn għaxra li għalihom chienet giet iccundannata.

**It-Toroc** kiegħdin joktlu lil l-insara gozz, gozz u bla ħniena ta' xejn. F'Adana u f'Mersina biss katlu xi elfejn ruħ u għalhecc chellu ragun il Membru ta'l Parlament Francis, Denys Cochin, li jitlob il għajnuna ta' Franza contra dana il ktil li kiegħdin jagħmlu bla ebda ħniena it-Toroc. Ftit ilu xi ħmistax il elf musulman ta' Antiochija niżlu fuk l-irħula insara ta'l Monti Cassju u ŭara li kerdu Cinargek, Eski-Oren u Cajagek ħabtu għar-raħal Kesab fejn chien jinsab il Patri kalbieni Sabatin Del Giorgio, missjunarju frangiscan f'it-Terra Santa. It-tliet mitt ragel li chien fih dan ir-raħal collha lakgħu b'ħila cbira l'it-Toroc iżda collu għal xejn għaliex il cotra għalbet il kaŭŭa u katluhom collha sa l-ankas ŭieħed. Meta daħlu f'ir-raħal b'il pitrolju taŭ in-nar li'd-djar u lil cnejjes u saħansitra lil culleġġ frangiscan. Patri Sabatin chien ħarab fuk il muntanja b'in-nisa u it-tfal u minn hemm b'xi sitt elef ruħ ŭarajh gibed leja il baħar. Daŭna meta għaddeŭ minn fejn ir-raħal torc ta' Pedron ħabtu għalihom. Allura Patri Sabatin rafa tarbija fl'arja u kal l'it-Toroc:— "Ibżgħu mn'Alla! Araŭ dana hu l-acbar tifel li baka; ma għandix ŭarajja ħlief tfal u nisa li ma jistgħu jagħmlulcom l-ebda ħsara; l-irgiel mietu collha. "Meta semgħu hecc ħalleŭhom igħaddu iżda serkuhom minn cull ma chellhom fukhom. Meta ŭaslu f'Kexix talbu il għajnuna iżda cheċċeŭhom. Meta uaslu f'Basit Patri Sabatin telak għal Latachija. biex igib il għajnuna. Hemm sab vapur francis, in-*Niger*, li tah għajnuna u ŭara laħku il *Jules Ferry* u il *Michelet* li meddeŭ idejhom ucoll, u b'hecc ġabru f'Latachija xi sitt mitt mara u tfal maħruba. Cullħadd kiegħed ifaħħar lil Patrijiet ta't-Terra Santa għal ħila li ureŭ f'daŭna it-taktigħat coroħ. L-actar li issemma hu dan il Patri Sabatin li kiegħed jagħmel unur lil l-Italja, pajjisu, u lil Ordni tiegħu. U imbagħad igħidu li il patrijiet ma huma tajbin għal xejn!

## AVVIS.

**Il Bord tal Istitut ta'l-Arti u's-Snajja 'VINCENZO BUGEJA,' msejjah biex imexxi il-Legat ta'l-Arti u's-Snajja, iddecida illi jibda it-tagħlim tas-Snajja u jiftah għal issa il Corsijiet li gejja :—**

a) Disinn, lineari u geometricu, bl'applicazionijet tiegħu.
b) **Pittura decorativa, bl'applicazzionijet taħħa.**
c) **Scultura** Decorattiva, **bl'applicazzionijet taħħa.**
d) **Tgħakkid u xogħol tal injam.**
e) **Tghakkid u xoghol tal hadid.**
f) **It-tifsil tal hajjata.**
g) Aritmetica **bin-numri u'l hzuz giodda, dauc li igħidulhom "Grafica Statica" fis-sengha tal Bini.**

**Il Bord izomm id-dritt li inakkas minn dawn il Corsijet li semmejna jew jzid ohrajn scond il bzonn.**

**Ghalhecc cull min icun irid jidhol f'xi Cors minn dawn li għedna jew xi ieħor li ma semmejniex. għandu f'zmien xaghrejn mid-data ta dan l-avvis, jibghat ricors lis-Segretariu hawn taht msemmi, li ghandu is-setgha li jircievih.**

**Cull min iirricorri irid icun mitwieled f'dawn il Gzejjer, u ma iridx icollu inkas minn tnax il sena, u ghandu jibghat il fidi tal maghmudija u certificati tal condotta u ighid ucoll b'il mictub f'liema minn dawn il Corsijet icun irid jidhol.**

**Il Bord mbaghad jistieden dawc collha li icunu iridu ighallmu xi wiehed jew iżjed mis-suggetti li għedna, jew suggett ieħor ta Arti u ta Snajja, li ma semmejniex, biex jictbu lis-Segretarju tal Bord, u minn għandu jistghu ucoll icunu jafu cull ma jinhtieg fuk dac li jcunu chitbulu.**

**Mill Ufficiu tal Istitut tal-Arti u's-Snajja "VINCENZO BUGEJA"**

**151, Sda. Cristoforo, il Belt.**

**fid-29 ta Mejju, 1909.**

**ALFONSO M. MICALLEF**

**Membru u Segretariu.**

B'għafsa ta' kalb cbira sejjer inħabbar it-telfa ħarxa li ġarrab da'l ġranet il ħabib tiegħi, is-Sur Dentista Alf: Urso b'il meŭt ta'l maħbuba bintu

## AIDA

ta' seba snin. Alla jati lil familja tagħha is-sabar li tinħtieġ. Missierha jitlobni biex jirringrazzja b'il kalb l'is-Soċjetà Filo-drammatica "Matteŭ Callus" u lil dauc il ħbieb l-oħra li b'il curuni jeŭ b'mod ieħor ħadu sehem f'in-nichet tiegħu.

# G'ŪANNA D'ARC

Biex *"Venerabbli"* jista jsir "BEATU" il Postulatur irid jipprova ċar u sod li dac il kdejdes għamel għallankas tliet miracli. Il President ta'l Congregazzjoni ta'r-Riti chien il Cardinal Serafino Cretoni li miet xi xahar kabel ma saret il "Beatificazzjoni" u b'hecc ma chellux ix-xorti li jara dac li għalih chien ilu jitħabat u jħabrec ħafna. Il Postulatur, chif għedna, chien il Patri Captier u dana ūera li tliet sorijiet franċiżi fieku minn mard kalil u ūaħda minnhom chienet f'il pont ta'l meūt għaliex talbet lil Ġūanna li tfejjakhom.

L-eūūel ūieħed minn daūna il Miracli sar f'Ġunju ta'l 1900.

Biex imbagħad *Beatu* jista jsir *Kaddis* żeūġ miracli oħra jridu jsiru b'it-talb lil dana il *Beatu*. Xi dakkiet il Postulatur jiltaka ma praspar imbixcla tasseū. Cull ittra, cull biċċa carta li jcun chiteb dac il bniedem li jcunu bi ħsiebhom jagħmlu kaddis trid tinkara u tinfela seūūa biex jaraū x'kal fiha, u xi dakkiet il chitba tcun tant imħarbxa li ma jaslux biex jakrauha u għalhecc icollhom iūakkfu collox. Il Patri Laynez, sieħeb San Injażju Loyola meta ħalak l-Ordni ta'l Gesūiti, u li chien bniedem ta' kdusija cbira tant li dejjem xtieku li jagħmluh kaddis, ħalla xi carti li għadu ħadd ma sata jakrahom għad li żeūġ patrijiet gesūiti għemeū fukhom, u għalhecc sa'l-lum katt ma setgħu jmixxu il kuddiem.

Dana il Postulatur għandu dejjem ifittex li jmixxi il kuddiem dac li hu favur ta'l bniedem li jcollu jsir kaddis, iżda ma dana jcun hemm ucoll ieħor il "Promotor Fidei" li aħna insejjħulu "L'Avucat ta'x-Xitan" li jfittex chemm jista li jūakka dac li jcun kal il Postulatur, biex hecc kuddiem il Congregazzjoni jinstemgħu iż-żeūġ kniepen, favur u contra.

Fl-1894, ūara il meūt ta'l Patri Captier, laħak bħalha Postulatur ta' Ġūanna il Patri għaref l-ieħor Frangiscu Saverju Hertzog, li chien l-ħak ucoll, ūara Patri Captier, Procuratur Generali ta's-Sulpiċjani f'Ruma, u li ħadem u ħabrec ucoll bi ħrara u ħila cbira. L'Avucat ta'x-Xitan chien Monsinjur Verde li ħadem ucoll chemm felaħ biex ma issirx *"Beata"* Ġūanna jecc ma chienx ħakkha tasseū.

Dana il ħafna taħbit u studju ta' snin sħaħ ikum ħafna flus u l-ispejjes ta'l festa u ta'ċ-ċerimonji biex issir "Canonizzazjoni" jeū "Beatificazzjoni" f'San Pietru ilaħħku soltu xi **erba t'elef lira sterlina.** Jingħad li il Princep Falconieri li chien rafa fuk spallejh l-ispejjes sa għamlu kaddisa lil Santa Ġuljana Falconieri, ūasal bħal kasba tixxejjer f ir-rieħ u li ūara li spiċċat il festa kal lil l-uliedu :— "Għixū tajjeb chemm tistgħu biex issiru anġli, iżda kaddisin le, għaliex hi ħaġa għalja ūisk.''

F'ir-"Review of Reviews" krajt li il Beatificazzjoni ta' Ġūanna D'Arc laħket **ħamsa u għoxrin elf lira** u li l-istess somma tinħtieġ biex jiccanonizzaūha.

Daūna il festi għandhom isiru f'il Basilica ta' S. Pietru f'Ruma, billi chien għamel Degriet il Papa Alessandru Sebgħa li imbagħad gie imsaħħaħ m'il Papa Beneditt Erbatax b'il Bolla tiegħu "Ad Sepulchra Apostolorum" fl-1741 u li imbagħad l-istess Papa raġa saħħaħ b'oħra l-istess Bolla xi ħdax il sena ūara.

—o—

## IL FESTI.

Il Cnisja ta' S. Pietru jcun fiha x'tara tasseū. Il colonni cbar li hemm u li jūasslu ma't-tliet mitt pied tul, icunu micsijin b'dic it-tapezzerija ta' damasc aħmar b'il galluni ta'd-deheb li chien ta lil Cnisja il Papa Alessandru Sebgħa fl-1660. Ma' dana jcun hemm ħafna bandieri sbiħ iperpru li fihom icun hemm pinġuti il miracli collha li jcun għamel dac il kaddis; daūna jcunu imūaħħlin ma'l capitelli ta'l erba pilastri li jżommu il coppla. L'istatūa ta' San Pietru ilibbsuha bi lbies li jkum il flejjes cbar u f'rasu jkiegħdulu curuna mlżgħuda b'ħaġar l-actar prezzjus. Jitūakkaf tron sabiħ biex minn fuku il Papa jakra il Bolla, u il għeġūegija ta' candilabri u ta' xama tcun bla tarf.

U ix-xama mixgħul u il-luce elettrica jcunu imħalltin hecc tajjeb li meta tidħol f'San Pietru f'dic inħar b'il fors tistħajjlec li dħalt ġo genna. Il candilabri li jcun hemm imdendlin ma's-sakaf ilaħħku ma'l elf ūieħed, u tnejn minn daūna jcun fihom ma't-tmien mitt xemgħa cull ūieħed. B'collox igħidu li jcun hemm f'San Pietru ma't-30,000 daūl jixgħel; u il ħbula li jridu biex idendluhom flimchien ilaħħku ma'd-disa mili! Biex jagħmlu dana id-dendil, li hu xogħol periculus ħafna, hemm nies imgħallmin apposta imsejjħin "sampietrini" u li jitħallsu tajjeb billi m'hux cullħadd jati ruħu biex jaħdem f'dac il għoli collu.

It-tron icun 85 pied għoli b'70 ūisa; u fuk is-siġġu ta'l Papa li jcun hemm f'nofsu tidher il chitba cbira: "Gloria coronasti eos." Il baldacchin għandu lil San Paūl u lil San Pietru ūieħed cull naħħa u l-Ispirtu Santu, taħt għamla ta' ħamiema, fuk collox. Jitla fuk dana it-tron b'taraġ sabiħ li cull tarġa tiegħu għandha f'cull tarf candilabru cbir ta' xi tlietin pied għoli. M'it-tron għal l-altar maġġur icun hemm passaġġ u m'al ġnieb tiegħu is-sedji ta'l Cardinali u ta'l Cbarat ta'l Cnisja. Naħħa ūaħda ta't-tron icun hemm tribuna għa's-Slaten li jcunu jridu jmorru jieħdu sehem; u f'in-naħħa l-oħra tribuna oħra għal Cavalieri ta' Malta. Barra minn daūna it-tnejn icun hemm tribuni oħra għal familja ta'l Papa, għal l-Ambaxxauri, għal daūc il familji aristocratici li bakgħu fidili lejn il Cnisja u x'naf jien. San Pietru jcun jasa minn sittin sa tmienin elf ruħ. In-nisa jilbsu l-isūed b'bizzilla seūda fuk rashom, u l-irgiel actarx l-isūed ucoll; u dana il baħar isūed ta' eluf ta' nies ma jiżżeūūakx ħlief bl-ispellizzi ta'l abbatini, b'il velu ta's-sorijiet u bi lbies ta'd-Dumnicani jeū patrijiet oħra li jilbsu xi ħaġa bajda.

M'al cnisja chien hemm ucoll xi qūadri ta'l famus pittur Bartolini li juru xi bcejjeċ m'il ħajja ta'l kaddisa, u ūieħed cbir, li chien fiħ pinġuta Ġūanna, imlibbsa l-azzar, b'ħafna anġli ma' dūarha. u li naħħa ūaħda chellha lil S. Michiel u in-naħħa l-oħra lil Santa Catarina u lil Santa Margherita, u li inchixef malli il Papa kara il Bolla u hu l-eūūel ūieħed inxteħet għarcoptejh kudddiemha jatiha kima.

Il pellegrini jidħlu jcantaū f'il cnisja u fuk collox chien kiegħed jati dakka ta' għajn il prefett il ġdid ta's-Sagra Congregazzjoni ta'r-Riti. il Cardnal Sebastjan Martinelli. Barra minn dan chien hemm presenti ucoll daūn il Cardinali: Vannutelli. Ferrata, Cassetta, Merry de Val, Gennari, Cagiano De Azevedo, Calasanzio, Vives y Tuto, Coullie, Cavicchioni, Segna, Gotti, Lucon, Rampolla u Andrieu, l-Arciskof ta' Bordeaux. Il għadd ta'l Iskfijiet Franċiżi chien cbir ūisk. F'it-tribuna ta's-Slaten chien hemm il princep Ferdinandu d'Orleans d'Alencon. Fi't-tribuna ta'l famiglja ta'l Papa chien hemm oħtu u magħha daūc li jiġu minn Ġūanna D'Arc.

Meta il Postulatur Hertzog ressak il *Brevi* lil Cardinal Martinelli biex jinkara chienu id-disgħa u nofs ta' f'il għodu ta't-tmintax ta' April li għadda. Dana bagħtu għand il Cardinal Rampolla, bħalha Arcipriet ta'l Basilica u dan kal iva. Il *brevi* kraūh fuk pulptu żgħir u malli spiċċa inchixef il qūadru ta'l kaddisa, il kniepen bdeū idokku, u il poplu inxteħet

għarcoptejh jati kima u l'Iskof ta' Orleans b'id-dmugħ f'għajnejh intona it-"Te Deum" ūara tant taħbit u taktiegħ il kalb. Inbdiet imbagħad il kuddiesa pontificali minn Mons: Touchet ta' Orleans, b'musica sabiħa ta's-Surmast Renzi.

Ūara nofs inhar, f'it-tlieta u nofs, raġa fetaħ S. Pietru u il folla ta'n-nies chienet bla tarf. fosthom il Gran Mastru ta'l Cavalieri ta' Malta. F'il ħamsa daħal il Papa iżda ma riedx li jsir għajjat jeū tfakkiegħ ta'l idejn, biss tixjir ta'l imcatar; u bierichom b'il kalb. Cantaū l-innu ta'l kaddisa u taū il Barca ūara li il papa incensa ix-xbiha ta'l kaddisa u l-Imkaddes Sagrament.

Insejt ingħidilcom li ma' tul daūna iċ-cerimonji jersak kuddiem il Papa ūieħed m'il Cardinali u jatih xi xemgħat, ħobż, imbit, ilma, żeūġ ħamimiet u xi agħsafar oħra żgħar,—il ħamimiet biex ifissru it-tjubija u l-indafa ta'r-ruħ ta' dac li jcun sar kaddis: dina id-drauūa hi nieżla m'iż-żminijiet l-actar antichi ta'l Cnisja. Il Cardinal Arcipriet ta'l Basilica Vaticana jati lil papa meta jitla fuk is-*sedia gestatoria* borsa bajda u ġo fiha ħamsa u għoxrin *gulju* (biċċa flus antica ta'l papiet) bħalha ħlas ta'l kuddiesa ta' dic inhar.

Daūna huma, fi ftit cliem, il festi sbiħ u cbar li jsiru meta kaddis ġdid jigi imgħolli għal kima ta'l insara collha u daūna imbagħad jidhru acbar billi marru d'id-darba ma's-sebgħin elf pellegrin franciż li miżjuda ma'l ħafna nies ta'l pajjis stess li jmorru jaraū tistgħu taħsbu x'għeġūegija jcun hemm f'San Pietru biex jaraū daūc il festi li jcun ixxurtjat minn jista jarahom.

Daūna il Pellegrini nefku f'Ruma f'il ftit granet li bakgħu hemm ma't-tlietin elf lira sterlina u għalhecc ir-Rumani jmisshom jatu kima cbira lil Papa li ġo belthom kiegħed ixerred dana ir-risk collu.

Mela Ġūanna D'Arc, il fkira raħħala ta' Domremy l-eūūel csiet ġbinha b'ir-rand ta'r-rebħa meta ħadet Franza minn taħt idejn l-Ingliżi, u issa b'il martirju u il miracli tagħha żejjnitu b'ir-raġġiera ta'l kdusija u saret il "Protettrici ta' Franza collha!"

# TLAKKIT.

**Il qūadru ta'l Murillo**, il famus pittur spanjol, li fih id-Dehra ta' Cristu tarbija u li jinsab f'il Catidral ta' Sivilja, fi Spanja taūhom tlieta u erbgħin elf lira tiegħu u ma riedux ibigħuh. Żeūġ qūadri ta'l pittur ingliż Gainsborough jisūeū tlittax u ħmistax il elf lira.

Ūieħed darba sab f'għorfa ta' mara fkira il qūadru famus ta' Raffaello "Il Ktil ta'l Innocenti" u xtraħ b'lira biss. Ieħor xtara ūieħed m'il isbaħ qūadri ta'l Correggio b'ħames xelini u bigħu lil Lord Bristol b'elf u ħames mitt lira!

Ūieħed li chien jokgħod f'New Jersey chellu f'il għorfa tiegħu qūadru famus ta'l pittur Ingliż Romney bla ma chien jaf x'jisūa. Billi chellu jati ta' xi sena birra cieda il qūadru biex patta il cont. Illum dac il qūadru jgib għaxar t'elef lira!

F'Courtai sejjħu lil ūieħed ta'ż-żibel biex inaddaf cantina u jarmi l-imbarazz tagħha. Chien hemm ma' dana tavla miżbugħa tant maħmuġa li ma setgħux jagħirfu x'fiha. Meta naddfuha sabu li chienet il pittura famusa ta'd-Durer li giet misruka snin kabel m'il Mużeū Nazzjonali ta' Monaco.

Għand rigattier f'Parigi sabu qūadru ta't-Tizjanu stmat ħmistax il elf lira; u f'camra ta' rkad ta' bidūi f'Buckingham sabu żeūġ qūadri famusi il ūieħed ta' Van Dyck u l-ieħor ta' Hobbema, bla ma chien jaf x'jisūeū.

**Fl-America** miet ftit ilu, f'New York, Anġlu Basso li ħalla ūarajh il għokda sabiħa ta' mitt elf lira m'il bejh ta's-*sandwiches*! U tant chienu tajbin li in-nies min f'loc li chienu jgħidu li sejrin jixtru "*sandwich*" chienu jgħidu li sejrin jixtru "*basso.*"

**Il "Honi soit qui mal y pense"** li naraū mictuba fuk taccalja bħalha simblu ta'l famus Ordni ingliż ta'l "Garter" nibtet hecc: Ġūanna, Contessa ta' Salisbury, ūakgħitilha it-taccalja tagħha ta'l bellus iċħal meta chienet kiegħda tisfen ma's-Sultan Dūardu Tlieta. Ir-Re refagħha u rabatha f'riġlu. Iżda ir-Regina martu bdiet tant tħares lejh b'iċ-ciera għax għieret u ta' ma dūaru bdeu tant jeġħimżu lil xulxin li is-Sultan kal: Ħażin hu għal dac li jaħseb ħażin" u minn dic inhar ħalak l-"Order of the Garter" u ħalla b'simblu tiegħu it-taccalja b'il cliem li kal. Dana is-simblu jintlibes m'il irġiel fuk ir-rigel ta'x-xellug l-isfel m'il ircoppa; iżda jecc tcun mara tilbes it-taccalja fuk driegħa ta'x-xellug il fuk m'il mincheb. Min icollu ix-xorti jieħu dana it-titolu jcun chiseb l-akūa unur ta'd-dinja fost it-titoli ta'l Ordnijiet collha. It-taccalja tkum m'il lankas elf u erba mitt lira, u il Cżar għandu l-istilla ta' dana l-Ordni micsija collha b'id-djamanti u tkum għaxar t'elef lira!

**Xi tobba famusi** f'Londra kiegħdin jordaū minn tnejn sa tliet sigarretti cull jum biex irakkdu in-nervi.

# STORJA TA'L PAPIET.

XXII.

## S. CORNELJU.

**Saltan għal sena u għaxar xhur. Lahak f'is-sena 254 u miet f'is-sena 255.**

Ruman, bin Castinu u imnissel m'il gidd nobbli ħafna ta'l Cornelji u ta'l Ottavji. Fi żmienu deher l-eūūel antipapa, il cburi Novazjanu; iżda kamu jiddefenduh il cbir S. Ciprianu u S. Dionigi ta' Lixandra. L-Imperatur Deċju meta ra li il għadd ta'l insara chien kiegħed joctor bla tarf sibel u għalak lil S. Cornelju f'Civitavecchia fejn ūara xi żmien tah il martirju. Gismu gie meħud f'Ruma u midfun f'iċ-Cimiterju ta' S. Callistu mnejn ūara kalgħuh u ħaduh f'il cnisja ta' Sta. Maria in Trastevere.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

Ġunju

14—1843. Il Gvernatur Bouverie faħħar u melles ħafna b'notificazzjoni lil Poplu Malti.

15—1802. Id-Deputati Maltin iddichiaraū id-drittijiet tagħna.

,, —1848. Ingress sollenni ta'l Iskof Sant.

16—1722. Miet il Gran Mastru Marc'Anton Zondadari.

17—1798. Telak minn Malta il Gran Mastru Hompesh.

18—1831. Il Cnisja ta' Malta ma bakgħetx chellha x'taksam iżjed ma' dic ta' Palermu.

19—1798. Napuljun telak għal l-Egittu.

20—1428. L-Imdina ħadet l-isem ta' "Città Notabile."

# IS-SAHHAR FALZUN.

L'Agostinjani baghtu, ma' patrijiet oħra, lil Majjistru tagħhom Nicol Pietru BONAVIA, li chien ŭaħda m'il irjus qŭadri li chellna f'dac iż-żmien, u għalhecc chienu ħatruh Provinċjal fi Skallija. Chien predicatur m'il imsemmija u kajjem għagħa cbira meta chien għamel il qŭaresimal f'il Catidrali ta' Paliermu u ta' Messina. Miegħu gie ucoll il Patri Majjistru Stiefnu ZURCHI predicatur m'il akŭa ta' dac iż-żmien.

Il Geżŭiti għad li ma chienx għandhom cunvent, bagħtu lil Patri Malti Nicol GUSMANO, xcora għerf oħra u predicatur m'il imsemmija li miet fl-1631; lil Patri Ġlormu MANDUCA, li għad li chien żagħżuħ chien ġa ŭera x'sejjer joħroġ minnu; letterat u teologu m'il gŭappi. Dan ħalla ħafna opri sbiħ fuk l-Iscrittura u tagħlim ieħor u miet f'Serkuża f-lulju ta'l 1643; u lil Patri Marju PACE, li chien Professur ta'l Filosofija u ta't-Teologija u li ħalla ħafna opri sbiħ, fosthom ŭaħda fuk il ħŭejjeġ antichi ta' Caltagirone. Dan miet f'Paliermu f'marzu ta'l 1643.

Tala ucoll il Vici-Cancillier ta'l Ordni, Fra Tumas GARGALLO, li ŭara laħak Iskof ta' Malta f'loc Royas; u miegħu mar il Canoncu Frangiscu MIZZI, li ŭara chien ħatru b'Vigarju tiegħu u li miet fl-1618.

Għad li ġa chellu erbgħa u sebgħin sena Dun Nard MICALLEF DE AGATIIS ma riedx jonkos. Dan chien Teologu m'il aħjar u li dic ħabta Arcipriet ta'l Catidral u miet ta' mija u sena fl-1601; u marru ucoll ħafna Arciprieti u Cappillani ta' dac iż-żmien fosthom Dun Bernard FRANCES, ta' S. Paŭl ta'l Belt; l-aħŭa Angelin u Manŭel METAXI, li chienu kalgħu il loc u bneŭ il Cnisja ta' San Nicola ta'l Grieghi ta'l Belt u imbagħad laħku, fi-1587, Cappillani ta' Sta. Marija Damascena; Dun Anton DE NICOLACCIO, bin ŭieħed minn daŭc ir-rodjotti nobbli li, bħa's-Sur Kalamias, chien geŭ ma' l-Ordni f'Malta. Dan dic il ħabta chien Cappillan f'il Cnisja ta' San Giljan ta'l Isla billi il Vittorja saret Parroċċa fl-1581 u hu għadda imbagħad Cappillan ta' hemm; Dun Anton VASSALLO, Cappillan ta'l Birgu u li ŭara laħak Cantur ta'l Catidral; dac li chien raġa niżżel il Parroċċa f'San Laŭrenz, għaliex kabel chienet f'il Cnisja ta'l-Lunzjata billi San Laŭrenz chien ħadu l-Ordni; Dun Michiel CAP, li chien Vici-Parrcu il Birgu u li laħak bħalha l-eŭŭel Cappillan ta' Bormla meta saret Parroċċa fl-1584 m'il Iskof Gargallo; Dun Giljan BORG ta'n-Naxxar; Dun Marjan BRIFFA ta' Ħal Kormi dac li chellu x'jaksam ma'd-Dumnicani ta'l Belt meta daŭna għamlu il Cnisja ta'l Portu Salvu parroċċa fl-1571, billi il għolja ta' Xiberras, fejn illum hi mibnija il Belt chienet tagħmel ma' Ħal Kormi u li fl-aħħar sicctu il Papa Ghirgor Tlittax b'il bolla ta'l 1572; Dun Ġŭann MAMO ta'ż-Żejtun; Dun Ġacbu CALLEJA ta's-Siggieŭi; Dun Fedrec ATTARD ta' Ħa'ż-Żebbuġ dac li b'il ġbir tiegħu reġgħet imbniet il Cnisja ta' hemm; Dun Gulielm SALIBA ta Ħal Tartarni, fejn Ħad-Dingli; Dun Ġużepp BELLIA ta' Birchircara u Dun Bart: MANGION ta'l Gudja. Dun Anton JARDO ta'l Matrici ta' Għaŭdex ma chienx gie għaliex sama tard, billi biex tmur Għaŭdex f'dac iż-żmien chienet biċċa xogħol jiebsa u inzerta il kieraħ ta'x-xitŭa ucoll. Laħku ucoll il Canonici ta'l Catidral Dun Frangisc SILLATO, Dun Pancraz MICALLEF, l-Arcidjacnu, id-Decan Dun Luka XARA il Cantur Dun Anton VASSALLO u it-Tesorier Dun Pietru CUBELLES. Ambroġ laka lil daŭna il ħafna nies għorrief u cbar, il fjur ta' Malta ta' dac iż-żmien, m'il aħjar li sata; u is-Sur Kalamias, il Baruni ma' Rusanna, Marija u Patri Damjan għinuh dakka ta' id ucoll.

Is-sala chienet mimlija b'in-nies; f'il bitħa chien hemm ħafna oħra jistenneŭ ucoll iżda billi chien għad jonkos il Ħachem u xi cbarat oħra Ambroġ ma chienx għadu bagħat igħid lil Catidral biex jiġu għalieh.

Fl-aħħar il Ħachem ta' dic is-sena, Alfonsu Petri de Nava, iffaċċa ma' ta' ma' dŭaru: għaliex għalchemm lil missier Ambroġ sejjaħtlu dejjem il Ħachem b'dan ma ridt katt nifhem li f'dic is-sena il ħacma chienet f'idejh iżda biss li chien Ħachem drabi oħra kabel u għalhecc bakagħlu it-titlu. Dana chien jismu Matteŭ Falzun u l-aħħar darba li chien Ħachem chienet fl-1566, disa snin kabel. Iżda chien ucoll kabel, fl-1558, fl-1542 u fl-1536, billi chien ragel ta' ħila cbira biex imixxi l-Imdina. Missieru ucoll, Toni, chien Ħachem fl-1533; u kabel insibu fl-1513 lil Ġacbu; fl-1518 u fl-1523 lil Ambroġ; fl-1525 lil Michiel u fl-1526 lil Pietru collha Falzun u kraba ta'l Ħachem Matteŭ.

Dana jurina b'iċ-ċar li f'il familja Falzun chien hemm ħafna irgiel ta' ħacma u ta' ħila u li il gidd tagħhom chien ŭieħed m'il ekdem u l-actar miġjuba f'il Gżira.

Ŭara ftit laħak ucoll l-Inghiżitur Monsinjur Pietru SANT'UOMO li chien ħalla f'locu Monsinjur Duzina; u La Cassiere għela ħafna li ma satax jitla u jaccumpanja ucoll billi b'il għali ta'l Cavalieri u ta'l Iskof Royas ma chien jisŭa għal xejn u kalbu chienet imniccta b'iż-żejjed. Iżda f'locu bagħat żeŭġ Balliji m'il actar xjuħ u bagħat jitlob lil Ambroġ li jagħdru għa'n-nukkas tiegħu. Ġlormu CASSAR, il cbir Architett tagħna li dic il ħabta chien imħabbat jibni il Cnisja ta' S. Ġŭann ŭara li chien mar Rodi biex rafa il pjanta fuk dic li il Cavalieri chellhom hemm u li it-Toroc chienu għamlu moschea, ma riedx jonkos; u miegħu geŭ ucoll l-Architetti l-oħra li tant issemmeŭ għal ħila tagħhom fl-Assedju il Cbir, Paŭlu BURLO' u Orlandu ZABBAR ma'l Capumastru gudjan Indri CASSAR. L'Architett BONAMICI, dac li bena il Culleġġ b'il Cnisja ta'l Gesŭiti ta'l Belt, fl-1592, u il Parroċċa ta'l Isla, fl-1600, mar ucoll; u ħa sehem ucoll l-eŭŭel pittur malti li nafu bih, Miju MICALLEF li għal ħabta ta'l 1550 pinġa il Madonna ta'l Gilju f'il Cnisja ta'l Capuċċini ta' Għaŭdex. Marru ucoll il pitturi l-oħra Carlu MALLIA, li pinġa il-Lunzjata f'San Domincu ta'l Belt u li chien incisur tajjeb ħafna u Ġammari ABELA li ħalla xogħol tiegħu f'il cnejjes ta's-Siġġieŭi u ta'n-Naxxar. L-isculturi dic il ħabta f'Malta ma nafux li chien nibet minnhom ħadd seŭŭa.

Mar ucoll il Mastru di Cappella FONTANA li chien, xhur kabel, migjub minn Napli għal Catidral billi kabel dic is-sena il musica ma chienetx għadha katt instemgħet f'il cnejjes tagħna u ma chienux għadhom jafu ħlief b'il *cant ferm* jeŭ *gregorjan*. Dana is-Surmast Fontana bagħat igib bi flus il Canonici ta'l Catidral, l-istrumenti ta'd-dakk u ŭara li għallem idokku u jcantaŭ seŭŭa lil xi kassisin u chierci, għal ħabta ta'l 1580, instemgħet f'il Catidral l-eŭŭel musica f'il Gżejjer tagħna.

Ŭasal ucoll Patri ĠANN PATIST ta' Giesu li chien gie f'Malta, ma' sitt patrijiet oħra, minn Skallija, biex bneŭ il Cnisja u il Cunvent ta' Giesu ta'l Belt u li billi malajr ġabar ħafna flus lestihom f'din l-istess sena ta'l meut; ta'l Ħachem.

*(Jissocta.)*

# IN-"NAHLA" B-XEJN !!

Illum cullhadd sar imur ic-Cinematografu u ghalhecc cullhadd jaf li uiehed m'il ahjar cinematografi fejn jara dejjem pellicoli novità, sbih u xierka hu ic-"**Cinematografu Cummerc**" ta' Strada Rjali ta'l Belt.

Illum cullhadd sar jaf u jhobb jakra b'il malti u ghalhecc in-"Nahla" ghoddha lahhket l-elf imsieheb; bhal ma jaf cullhadd ucoll li ghal cobor, ghal carta u l-istampa, ghal chitba u ir-ritratti, ghall premji u il prezz irhis l-ebda gazzetta ohra maltija ma tisbok l'in-"Nahla."

Izda billi iz-zmien hu ftit imghattan u m'hux cullhadd jista jmur ic-cinematografu u jhallas il gazzetta hsibt li in-"Nahla" natihielcom

## B'XEJN

billi nati lil cull min hallas jeu ihallas l-ahhar tliet xhur ta'l abbonament [minn numru 40 sa' 52] ghaxar biljetti b-xejn biex bihom tcunu tistghu tidhlu ghal ghaxar darbiet f'ic-"**Cinematografu Cummerc**," b'nofs prezz, basta li ma tmorrux nhar ta' Sibt, f'il Hdud u f'il Festi Cmandati. Meta tmorru thallsu **sold u nofs biss** u maghhom tatu il biljett u b'hecc meta ma't-tliet xhur tmorru ghaxar darbiet tcunu iffrancajtu il hmistax il sold ta'l abbonament u b'dana il mod in-"Nahla" tcun kieghda tigicom

## B'XEJN.

Jecc ma tridux tmorru intom bihom, jeu tridu tmorru actar minn darba f'jum uiehed tistghu ucoll.

Nitma immela li m'hux biss titghaxxku b'il programmi sbih li dejjem issibu f'ic-"**Cinematografu Cummerc**" u li nahseb li tcunu tistghu tarau ucoll f'cinematografi ta' Bliet ohra billi il ghajnuna biex jarau gazzetta ta'l poplu miexja il kuddiem li tauni il proprietarji generusi ta'l "**Cummerc**" jatuhieli sgur proprietarji ta' cinematografi ohra ucoll; izda li meta uiehed jifhem li b'hecc icun jista jiehu id-dar ghal kari tajjeb ta'l familja gazzetta bhal ma hi in-"Nahla" u fuk collox

## B'XEJN

jissieheb minnufih. U jecc jissieheb ghal sena m'il euuel ta' G'unju li dhalna fih jiehu b'rigal in-numri ta'l euuel disa xhur

## B'XEJN;

u jecc jigi jhallas minn jeddu jista jiehu premju f'ix-xahar ucoll. Il-loghob ta'n-"Nahla" spiss icun b'il premji u cull min isib imsieheb g'did jiehdu il ctieb sabih "Il Mahbub ta' Gesù" ta's-Sur G. Muscat Azzopardi

## B'XEJN UCOLL !!

U dana collu ghal hmistax il habba f'il gimgha; hakk caxxa sigarretti jeu tazza birra li ma jaghmlulcomx hlief deni f'sahhitcom.

Mela ISSIEHBU F'IN-"NAHLA" halli meta tmorru ic-"CINEMATOGRAFU CUMMERC" tigicom

## B'XEJN.

A. LEVANZIN P. L.

## L'ISTITUT TAS-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il ħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-3 Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Min irid jixtri linca ta'l istampa, seŭda jeŭ ta'l culur, ta' Lorilleux, b'irħis; u min irid jixtri torchju sabiħ ħafna bi prezz ħelu jicteb jeŭ jitchellem ma'd-Direttur ta'n-"Naħla" u jiftiehem sgur.

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu ehemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min irid jixtri id-drapp biss ibegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ifiek F'GHOXRIN gurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun ghaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jittaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiħ fl-ispiżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

Ippruvaŭħ gid jagħmlilcom sgur.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?

Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.

F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min jidri jicri dar cbira, comoda u arjusa u terran il Ħamrun, Strada Annunziata Ni. 52 u 53 imur għand Ġużè Bugeja, ta' Strada Fra Diego, il Ħamrun ucoll u jfehmu collox aħjar.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'nnisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

## GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja = tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

NEVRASTENIJA

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

**L-ANTINEVROTICU**

TA'L

**PROF: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min irid jixtri

# CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra

# BENSDORP

għand il magħrufa minn cullħadd

## C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn isir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**